MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1240/2004

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittjiet tal-assikurat taghha Joseph Ciscaldi u l-istess Joseph Ciscaldi**

**vs**

**Maria Carmela Pulis**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' Gunju 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u sebgha u hamsin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm557.98) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobil;istku illi gara fil-11 ta' Marzu 2003 fi Triq Nazzjonali, Hamrun Bllata l-Bajda bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBK 193 misjuqa mill-attur Joseph Ciscaldi u l-vettura bin-umru tar-registrazzjoni DAS 647 misjuqa mill-konvenuta Maria Carmela Pulis, liema ncident sehh unikament tort tal-konvenuta minhabba mperizja u nuqqas ta'

osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tsl-konvenuta.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz ai termini tal-Cap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghax kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra l-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Ottubru 2004 fejn sar qbil li din il-kawza tinstema’ kontestwalment mal-kawza bl-Avviz Numru 11104/04 u dan peress li l-mertu taz-zewg kawzi jirrigwarda l-istess incident awtomobilistiku.

Sema’ x-xhieda ta’ PS 860 Keith Caruana, tal-attur Joseph Ciscaldi, ta’ Rosette Calafato, tal-konvenuta Maria Carmela Pulis u ta’ Duncan Pulis. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Kif intqal aktar il-fuq din il-kawza kienet qed tinstema’ kontetwalment mal-kawza bl-Aviz Numru 104/2004 li wkoll giet deciza fis-sedutatal-llum u ghalhekk a it-Tribunal jaghmel referenza ghall-motivazzjonijiet u ghall-konkluzjonijiet kontenuti fl-imsemmija sentenza fejn gie deciz li l-attur odjern Joseph Ciscaldi kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku tal-11 ta’ Marzu 2003 u ghal kull buon fini qed jigi dikjarat li dawn il-konsiiderazzjonijiet u kokluzjonijiet ghandhom ukoll jiffurmaw parti integrali minn din is-sentenza.

L-attur fil-kawza odjerna, Joseph Ciscaldi, qieghed ghalhekk jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku tal-11 ta’ Marzu 2003.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad it-ttalbiet attrici bl-ispejjes jithallsu nterament mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------